MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 341/2012/1

**Liquigas Malta Limited**
**v.**
**Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi**

1. Dan huwa appell tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ["l-Awtorità"] minn deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2013 tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ["it-Tribunal"] li laqa' talba tas-soċjetà *Liquigas Malta Limited* ["*Liquigas*"] għas-sospensjoni tal-effetti ta' deċiżjoni tal-Awtorità taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi ["Kap. 423"].

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: B’ittra ġudizzjarja tat-30 ta’ Lulju 2012 l-Awtorità għarrfet lil *Liquigas* b’deċiżjoni amministrativa li kienet ħadet dwarha u sejħitilha timxi kif tgħid l-istess ittra, li saret għal dak li jgħid u jrid l-art. 31A(1) tal-Kap. 423. Għarrfitha wkoll illi, jekk tonqos, hija teħel “milta amministrativa” ta’ ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u ta’ sitt mitt euro (€600) għal kull jum ta’ nuqqas.

3. Din l-ittra ġiet notifikata lil *Liquigas* fl-1 t’Awissu 2012. Fl-ittra *Liquigas* kienet imsejħa – għal dak li jgħid u jrid ir-reg. 5A tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt [“L.S. 423.31”] – sabiex trodd “ċilindri mimlija” li, fil-fehma tal-Awtorità, kienu proprjetà ta’ terzi. Li riedet l-Awtorità iżda kien illi *Liquigas* trodd iċ-ċilindri vojta, u mhux dawk mimlija, u għalhekk, fit-2 t’Awissu 2012, l-għada tan-notifika, l-Awtorità talbet illi titħassar il-kelma “mimlija” u illi l-ittra tiġi notifikata mill-ġdid wara l-korrezzjoni. Din it-talba ntlaqgħet fit-3 ta’ Awissu 2012 u l-ittra kif korretta ġiet notifikata mill-ġdid lil *Liquigas* fit-30 ta’ Novembru 2012.

4. Billi *Liquigas* ma mxietx kif riedet l-ittra, l-Awtorità b’ittra ġudizzjarja oħra tas-6 ta’ Diċembru 2012 innotifikatha b’kopja tal-ittra tat-30 ta’ Lulju 2012 sabiex tikseb titolu esekuttiv bis-saħħa tal-art. 31A(6) tal-Kap. 423.

5. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 423 igħidu hekk:

“**31A.** (1) L-Awtorità, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna li tikser jew tonqos milli tosserva -

“(*a*) xi disposizzjoni ta’ dan l-Att;

“(*b*) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

“(*ċ*) xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tenforza; jew;

“(*d*) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tenforza; jew

“(*e*) xi kondizzjoni ta’ xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att,

“għandha permezz ta’ ittra uffiċjali lill-persuna involuta -

"(i) tagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill-Awtorità;
"(ii) tagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali;
"(iii) tagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;
"(iv) titlob lil dik il-persuna biex issewwi l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minn dik il-persuna u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità fi żmien speċifikat:

"Iżda dak iż-żmien ma' jistax ikun ta' aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:

"Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u biex tipproponi kull rimedju li jsewwi l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mill-Awtorità li jiġu hekk imsewwija.

"…

"(6) L-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell minnha, u meta ssir notifika ta' kopja tagħha permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li weħlet il-penali amministrattiva, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"Iżda jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali, tagħmel appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u flimkien mal-appell jew qabel ma tagħmel l-appell tkun talbet li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali, għaldaqstant l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm tkun ġiet deċiża, miċħuda jew mod ieħor ittrattata t-talba għal sospensjoni:

"…

"**34.** (7) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 31A -

"(*a*) appell minn deċiżjoni jew ordni tal-Awtorità għandu jsir b'rikors u għandu jiġi ppreżentat quddiem is-segretarju tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fi żmien għoxrin

ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni jew ordni tkun ġiet notifikata bil-miktub lill-parti li tkun qiegħda tappella …”

6. *Liquigas* għamlet appell miż-żewġ ittri ġudizzjarji quddiem it-Tribunal u, b’rikors tal-20 ta’ Diċembru 2012 quddiem it-Tribunal, talbet “is-sospensjoni tal-effetti tal-ittra uffiċjali tat-30 ta’ Lulju 2012 u tal-ittra uffiċjali tas-6 ta’ Diċembru 2012” sakemm jinqata’ l-appell. It-Tribunal laqa’ t-talba, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità, wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Sabiex tiġi determinata din il-kwistjoni partikolari rigwardanti s-sospensjoni *o meno* tal-effetti tal-ittra uffiċjali tat-30 ta’ Lulju 2012 u tal-ittra uffiċjali tas-6 ta’ Diċembru 2012 … jeħtieġ issir referenza speċifika għal dak provdut fl-artkolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liħijiet ta’ Malta li jittratta dwar kif u meta ittra uffiċjali maħruġa mill-Awtorità intimata *ai termini* tal-artikolu 31A(1) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta’ Malta tiġi reża eżekuttiva.

“…

“Minn dan il-provvediment tal-liġi jirriżulta ferm ċar illi sabiex ittra uffiċjali maħruġa mill-Awtorità ta’ Malta dwar ir-Riżorsi *ai termini* tal-artikolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta’ Malta tiġi reża eżekuttiva, u b’hekk l-Awtorità jkollha titolu eżekuttiv fil-konfront tal-persuna kontra min ħadet din l-azzjoni – il-bażi fuq liema l-Awtorità intimata qed topponi t-talba tas-soċjetà rikorrenti għas-sospensjoni tal-effetti tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 u tal-ittra uffiċjali tas-6 ta’ Diċcembru 2012 – jeħtieġ illi: (a) l-ewwel qabel kollox jiskadi t-terminu prefiss fil-liġi għal appell minn dik l-ittra uffiċjali u naturalment ma jkunx ġie intavolat tali appell; u mbagħad (b) l-ittra uffiċjali tkun trid tiġi notifikata lill-persuna involuta permezz ta’ att ġudizzjaru.

“Minn eżami tal-atti tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Lulju 2012 u anke tal-ittra uffiċjali tas-6 ta’ Diċembru 2012, jirriżulta li dak provdut fl-artikolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex l-ittra uffiċjali *ai termini* tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu tal-liġi – *ossia* l-ittra tat-30 ta’ Lulju 2012 – tiġi debitament reża eżekuttiva, ma ġiex skrupolożament segwit mill-Awtorità intimata.

“L-ittra uffiċjali tat-30 ta’ Lulju 2012 kienet ġiet oriġinarjament notifikata lis-soċjetà rikorrenti fl-1 t’Awissu 2012. Wara tali notifika però, u senjatament fit-2 t’Awissu 2012, l-Awtorità intimata talbet li tiġi awtorizzata tagħmel

korrezzjoni f'dik l-ittra uffiċjali u obbligat ruħha terġa' tinnotifika lis-soċjetà intimata bl-istess ittra uffiċjali prevja li tiġi awtorizzata l-imsemmija korrezzjoni. It-talba tal-Awtorità intimata ġiet milqugħa fit-3 t'Awissu 2012 u l-ittra uffiċjali kif korretta ġiet notifikata lis-soċjetà rikorrenti fit-30 ta' Novembru 2012. Fis-6 ta' Diċembru 2012 l-Awtorità intimata formalment innotifikat lis-soċjetà rikorrenti bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 u l-kontenut tagħha u għarrfltha li l-istess kienet qed tiġi reża eżekuttiva *ai termini* tal-artikolu 31 tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta.
"A tenur tal-artikolu 34(7)(*a*) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu għall-preżentata ta' appell minn deċiżjoni tal-Awtorità intimata – u l-istess Awtorità fir-risposta tagħha għar-rikors odjern tgħid li l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 hija deċiżjoni – huwa ta' għoxrin ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni tkun ġiet notifikata bil-miktub lill-parti li tappella.
"Minn dak iktar 'il fuq osservat huwa immedjatament evidenti li bejn it-30 ta' Novembru 2012 – id-data meta s-soċjetà rikorrenti ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 kif korretta – u s-6 ta' Diċembru 2012 – id-data meta l-Awtorità intimata għaddiet biex tirrendi l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 kif korretta eżekuttiva *aitermini* tal-artikolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta – ma kinux għaddew l-għoxrin ġurnata prefissi fl-artikolu 34(7)(*a*) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk sa dak l-istadju l-Awtorità intimata legalment ma setgħetx tusufruwixxi mill-provvedimenti tal-artikolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta għall-fini li tottjeni titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti.
"Għaldaqstant l-opposizzjoni tal-Awtorità intimata għat-talba tas-soċjetà rikorrenti avanzata bir-rikors in eżami ma hijiex ġuridikament sostenibbli u fid-dawl tal-fatt li jidher li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 31A(6) tal-Kap. 423 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx skrupolożament segwiti mill-Awtorità intimata, it-Tribunal hu tal-fehma li jkun opportun li pendenti l-eżitu tal-appelli fl-ismijiet *Liquigas Malta Limited v.* Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi rik. nru 339/12 u *Liquigas Malta Limited v.* Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi rik. nru 340/12, l-effetti tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 kif ukoll u għal kull buon fini tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Diċembru 2012, jiġu sospiżi.«

7. L-Awtorità appellat minn din id-deċiżjoni b'rikors tal-5 ta' Frar 2013 u *Liquigas* wieġbet fis-27 ta' Frar 2013. L-aggravji tal-Awtorità huma tlieta:

8. "It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma kellux il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza meħtiega bil-liġi sabiex jisma' u jiddeċiedi l-vertenza li tressqet quddiemu mis-soċjetà appellata, *stante* li l-Awtorità appellata [*recte*, appellanti] kienet ottjeniet titolu eżekuttiv fil-konfront tal-istess soċjetà appellata;

9. "It-Tribunal ippronunzja ruħhu fuq il-mertu taż-żewġ rikorsi l-oħra li dak iż-żmien kienu għadhom lanqas ġew appuntati quddiemu;

10. "L-Awtorità appellata [*recte*, appellanti] ma kellhiex għalfejn tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż."

11. L-Awtorità fissret l-ewwel aggravju hekk:

"… it-Tribunal ma għandux il-kompetenza li jissospendi t-titolu eżekuttiv li diġà kienet akkwistat l-Awtorità appellanti permezz tal-ittra uffiċjali tas-sitta (6) ta' Diċembru 2012 li rrendiet l-ittra tat-tletin (30) ta' Lulju 2012 eżekuttiva u dana peress illi tali kompetenza tispetta biss lill-Qorti Ċivili, u *cioè* l-unika qorti li għandha l-iedd li tirrevoka jew twaqqaf titoli eżekuttivi.

"…

"Fil-fatt is-soċjetà *Liquigas* setgħet biss titlob lit-Tribunal sabiex jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali tat-tletin (30) ta' Lulju 2012 sakemm din kienet għadha biss tikkostitwixxi deċiżjoni u mhux wara li ġiet reża eżekuttiva permezz tal-ittra uffiċjali tas-sitta (6) ta' Diċembru 2012, u ġaladarba l-Awtorità esponenti kienet kisbet titolu eżekuttiv, allura s-soċjetà *Liquigas* kellha tirrikorri għal dawk il-miżuri l-oħra li jistgħu iwassluha sabiex timpunja dak it-titolu eżekuttiv, liema proċeduri jeżorbitaw mill-kompentenza ta' dan it-Tribunal."

12. Dan l-argument huwa mibni fuq il-premessa illi l-Awtorità kienet ġà kisbet titolu esekuttiv, *i.e.* illi kienu tħarsu l-kondizzjonijiet kollha li trid il-liġi biex l-ittra ġudizzjarja tat-30 ta' Lulju 2012 titqies titolu esekuttiv. Biex isir dan, l-art. 31A(6) tal-Kap. 423 irid *inter alia* illi jkun għalaq iż-żmien li fih jista' jsir appell u illi f'dak iż-żmien ma jkun sar ebda appell. Mela jekk kien għadu ma għaddiex iż-żmien li jagħti l-art. 34(7) tal-Kap. 423 biex *Liquigas* setgħet tagħmel appell, *viz.* "żmien għoxrin

ġurnata mid-data meta dik id-deċiżjoni jew ordni tkun ġiet notifikata bil-miktub lill-parti li tkun qiegħda tappella", l-ittra tat-30 ta' Lulju 2012 ma tistax titqies titolu esekuttiv.

13. Il-kwistjoni għalhekk hija jekk l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 għandhiex titqies li ġiet validament notifikata fl-1 ta' Awissu 2012 – meta *Liquigas* kienet imsejħa biex trodd iċ-"ċilindri mimlija" – jew fit-30 ta' Novembru 2012, meta saret notifika tal-ittra korretta bil-kelma "mimlija" mħassra.

14. Fil-fehma ta' din il-qorti hemm differenza sostanzjali bejn li tiġi msejjaħ biex trodd ċilindri mimlija proprjetà ta' terzi u li tiġi msejjaħ biex trodd ċilindri vojta. Jekk l-obbligu ta' *Liquigas* kien illi trodd iċ-ċilindri vojta għalxejn kienet imsejħa trodd ċilindri mimlija, għax jekk, wara s-sejħa, naqset milli trodd ċilindri vojta ma kinitx qiegħda tmur kontra dak li kienet imsejħa biex tagħmel.

15. Barra minn hekk, is-setgħa tal-Awtorità illi tikseb titolu esekuttiv bil-proċedura taħt l-art. 31A tal-Kap. 423 hija setgħa straordinarja u privileġġ proċedurali li tista' tinqeda bih biss jekk tħares f'kollox dak li trid il-liġi, u ma tistax tgħid illi għamlet hekk billi tinnotifika ittra uffiċjali li fiha żbalji sostanzjali.

16. In-notifika li tiswa għall-għanijiet tal-art. 31A(6) għalhekk hija dik tat-30 ta' Novembru 2012. Bejn it-30 ta' Novembru 2012 u s-6 ta' Diċembru 2012, meta sar l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-art. 31A(6), ma laħqux għaddew l-għoxrin jum li jagħti l-art. 34(7) biex jista' jsir appell.

17. Għalhekk l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2012 ma hijiex titolu esekuttiv, u tonqos il-premessa – li fuqha huwa msejjes l-ewwel aggravju – illi l-Awtorità kienet ġà kisbet titolu esekuttiv meta sar ir-rikors għas-sospensjoni. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

18. Dwar it-tieni aggravju l-Awtorità tgħid illi "t-Tribunal ippronunzja ruħhu fuq il-mertu taż-żewġ rikorsi l-oħra li ġew intavolati mis-soċjetà appellata li jġibu n-numru 339/2012 u 340/2012 fl-ismijiet Liquigas Malta Limited v. Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u li dak iż-żmien kienu għadhom lanqas ġew appuntati quddiemu, u wisq inqas ma l-Awtorità appellata [*recte* appellanti] kienet għadha rrispondiet għalihom".

19. Quddiem din il-qorti hemm biss ir-rikors għas-sospensjoni magħmul taħt l-ewwel *proviso* għall-art 31A(6), u mhux ukoll ir-rikorsi tal-appell magħmula taħt l-art. 34 tal-Kap. 423, u għalhekk din il-qorti ma tistax tgħid jekk id-deċiżjoni appellata tat-Tribunal tolqotx ukoll il-meritu ta' dawk l-appelli. Li tista' tgħid din il-qorti hu illi d-deċiżjoni appellata ma tmurx *ultra* jew *extra petita* għax il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal u d-deċiżjoni li ta huma limitati għall-meritu li kellu quddiemu, *viz*. jekk it-talba għas-sospensjoni saritx qabel ma jew wara li għalaq iż-żmien li fih setgħet saret. Jekk imbagħad il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal jista' jkollhom ukoll relevanza għall-meritu tal-appelli, dan ma jnaqqas xejn mir-relevanza u mill-validità tagħhom għall-għanijiet tal-proċeduri tallum.

20. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

21. L-aħħar aggravju huwa dwar l-ispejjeż. L-Awtorità ressqet dan l-aggravju "peress li hi ġiet ikkundannata li tħallas l-ispejjeż meta fir-rikors mertu ta' dan l-appell lanqas ma kien hemm talba għall-ispejjeż".

22. Dan l-aggravju huwa fieragħ. Kif sewwa osservat *Liquigas* fit-tweġiba tagħha, l-art. 177 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "l-klawsola 'bl-ispejjeż' titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż", u għalhekk meta iddeċieda dwar l-ispejjeż it-Tribunal ma kienx qiegħed jiddeċiedi fuq xi ħaġa mhux imdaħħla fit-talba. Ladarba d-deċiżjoni kienet kontra l-Awtorità, it-Tribunal għamel sew illi ikkundannaha tħallas l-ispejjeż, kif sejra tagħmel din il-qorti meta tikkundannaha tħallas l-ispejjeż tal-appell.

23. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma d-deċiżjoni appellata u tikkundanna lill-Awtorità tħallas l-ispejjeż tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------